MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 132/2003

**Joseph u Rita konjugi Portelli**

**vs**

**Pascalino Cefai**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

Peress illi fit-tletin (30) ta’ Lulju 2003 ghall-habta ta’ bejn it-12.00 u 12.30 ta’ wara nofsinhar, fl-inhawi tal-pjazza tal-Kattidral ta’ Ghawdex, volontarjament ghamel hsara fil-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni FBG 872 Ford Escort ta’ kulur abjad ghad-dannu tal-atturi li huma l-propretarji tal-istess vettura;

Peress illi l-istess konvenut kien barax il-bonnett tal-vettura tal-atturi u kkawzalha tmienja u tletin lira (Lm38) hsara fiha kif ukoll l-attur kien kostrett jikri vettura self

drive u hallas ghoxrin lira (Lm20) ohra u dana kif jidher miz-zewg ircevuti hawn annessi u markati Dok A u B;

Jghid l-istess konvenut ghaliex (i) m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tmienja u hamsin lira (Lm58) kif inghad hawn fuq u dan wara li jigi dikjarat responsabli ghad-dannu minhom soferti.

Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Bl-ispejjez ukoll tal-ittra bonarja tal-20 ta' N ovembru 2003.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-risposta:

"Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma kkaguna hsarat volontarji fuq il-vettura tal-atturi kif qed jigi allegat minnhom u dan kif jigi dettaljatament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din it-talba quddiem it-Tribunal."

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Billi l-konvenut naqas u ma deherx fis-seduta tal-lum li fiha l-kapitoli gew ipprezentati mill-attur u approvati mit-Tribunal minghajr ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m'ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

U billi l-ammont huwa inqas minn LM250;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallsu s-somma ta' LM58 bl-imghax mid-data tas-sentenza sal-eventwali hlas

effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Novembru 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------